**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 01/19**
**Data:** It-Tnejn, 21 ta' Jannar 2019
**Ħin:** 6:30 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (sad-9:15pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Claude Camilleri - Kunsillier (mis-7:00pm)
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items oħra*** **ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **01.06** | **Fondi - Miżura 4.4;** |
| **01.07** | **Xgħolijiet;** |
| **01.08** | ***Performance Bonuses*** **tal-Ħaddiema*;*** |
| **01.09** | **Estimi 2019** |
| **01.10** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli** |
| **01.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **01.12** | **Mozzjonijiet u;** |
| **01.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

Il-Kunsill qabel nem.con li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-perfomance bonus bil-massimu ta' persentaġġi hekk kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv.

**01. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija | |

**01. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 13/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 01. 2. 2 | 13.03.03 | Agius | Għandha tinqara l-Għaqda Mużikali Beland | |
| 01. 3. 3 | 13.02.10 | Chircop | l-isem għandu jaqra Jordan Curmi | |
| 01. 4. 4 | 13.03.10 | Chircop | Għandha taqra li bbenefikat mill-*Voluntary Organisations Project Scheme* . | |
| 01. 2. 5 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 2 6 | 13.02.05 | Hales: *Bus Shelter* fi Triq il-Labour | Hales qal li x-xelter sab postu u ser isiru s-sinjali meħtieġa. Saret ukoll biċċa bankina. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 7 | 13.02.07 | Hales: *Pelican Lights* fi Triq Luqa Briffa | Hales irraporta li saret *site inspection* mal-Viċi-Sindku intbagħtet korrispondenza lil-TM u għadna bla risposta. | Hales |
| 01 | 2 | 8 | 13.05.04 | Hales: *Bollards* fi Triq A. Cachia Zammit | Hales qal li għamilna talba lill-TM u rċivejna risposta fin-Negattiv. Ġie suġġerit li l-*bus shelter* għandu jiċċaqlaq fejn *Churcill Butcher.* | Hales |
| 01 | 2 | 9 | | Caruana: Triq Antonio Micallef | Caruana qal li daħlulu ħafna rapporti dwar il-parkeġġ f'din it-triq. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex isiru s-sinjali tal-parkeġġi. | Hales |
| 01 | 2 | 10 | 13.02.10 | Chircop: Premju Mużiċist tas-sena | Il-persuna li ingħatat dan il-premju mill-Għaqda Banda Żejtun kienet s-Sur Fredrick Camilleri. Waqt il-kunċert issemma li l-premju ser jibda jingħata lil-tlitt mużiċisti. | Chircop |
| 01 | 2 | 11 | 13.02.12 | Chircop: Kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied | Chircop qal li r-rebbieħa kienu fl-ewwel post s-Sur Toni Psaila, fit-Tieni post is-Sur Martin Bilocca, fit-Tielet post is-Sa. Bridget Azzopardi. | Chircop |
| 01 | 2 | 12 | 13.03.07 / 08 | Caruana: Ħsarat fuq vetturi | Caruana qal li qed jistenna risposta minn WSC biex nivverifikaw min huwa responsabli tal-ħadida li saret il-ħsara magħha. Qal ukoll li kien hemm tnejn oħra li kienu barra mill-konfini taż-Żejtun. | Caruana |
| 12 | 2 | 13 | 12.02.16 | Camilleri C: Pantomima | Camilleri wera l-apprezzament tiegħu dwar il-mod professjonali li qed issir il-pantomima kif ukoll il-Kunċert tal-Milied. | Camilleri C |
| 12 | 2 | 14 | 03.02.06 | Agius: *Bring In Sites* | Agius staqsiet jekk il-BIS hux ser jibqgħu fejn il-Knisja ta' San Girgor. Is-Sindku wieġbet li għalissa għadu ma nsatbx post alternattiv peress li fejn il-ġnien kien qed ikun ta' inkonvenjent sabiex jitbattlu. Żiedet tgħid li dawn inbidlu kollha għal l-Bins min naħa tal-*GreenPak* . | Abela |
| 12 | 2 | 15 | 12.02.16 | Agius: Pantomima | Agius qalet li l-Pantomima kienet suċċess . Żiedet li din is-sena is-somma miġbura, dik ta' €1000 ġiet ppreżentata lill-Joe u Darlyn Azzoppardi. | Agius |
| 12 | 2 | 16 | 13.09.01 | Agius: *Weekend Break* | Agius qalet li l-*Weekend Break* sar u kien suċċess. | Agius |
| 12 | 2 | 17 | 13.03.01 | Sindku: *Twinning* | | |
| **01** | **3** | | | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/19. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li wara li reġat tkellmet mal-Onorevoli Herrera, sar ir-rapport u għadda għand Ambjent Malta fejn infurmawna li m'hemmx fondi biex jiġi rranġat. Bħalissa beda jsir xi xogħol fil-ġnien mill-kuntrattur tal-ġonna. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 2 | Sindku: Plakka Storja | Is-Sindku qalet li l-inawgurazzjoni minn Wirt iż-Żejtun ser isir fit-3 ta' Frar fl-10:30am, wara ser issir bibita fil-Kunsill, kulħadd huwa mistieden. Chircop qal li bħala Kunsill ħadna ħsieb il-kliem tal-plakek. Ser ikun hemm sit bl-informazzjoni kollha. Hales żid li għandha terġa ssir il-plakka komemorattiva li kienet saret mat-tħawwil ta' siġra fil-Millenju, f'Misraħ Gregorio Bonici. Il-Kunsill qabel ma' dan. | Sindku / Chircop |
| 01 | 3 | 3 | Sindku: Karattri tal-Qwiel | Is-Sindku qalet li l-istatwi li ntużaw bħala qwiel matul V18, tlieta minnhom inġiebu u wara li ssir il-manutenzzjoni fuqhom ser jitpoġġew fil-pjazza Gregorio Bonici għal żmien qasir u wara jiġu rilokati fil-ġonna taż-Żejtun. | Sindku |
| 01 | 3 | 4 | Sindku: Boroż tal-iskart organiku | Is-Sindku qalet li daqt jibda t-tqassim tal-boroż u ser jitqassmu l-4 kontenituri għal-iskart separat. | Sindku |
| 01 | 3 | 5 | Sindku: Manuċċa | Is-Sindku qalet li sar *board meeting* tal-Manuċċa fejn kien hemm qbil li jsir awditjar tal-finanzi. Agius irrimarkat li minħabba t-talba għaż-żieda fil-pagi tal-*carers* kienet ser tinvolvi iktar spejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan jista' jiġi ffinanzjat mill-Kunsill. | Sindku |
| 01 | 3 | 6 | Sindku: Kwizz | Is-Sindku qalet li hi u l-Viċi-Sindku kienu mistiedna għal kwizz kontra l-lokalita' ta' Ħal Għaxaq li sar fuq TVM fil-programm Waranofsinhar fl-okkażjoni tal-25 sena tal-Kunsilli Lokali. | Sindku |

**01. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 4 | 1 | | Caruana: Riżenja | Caruana informa l-Kunsill li ta r-riżenja minn Kunsillier Nazzjonalista u ser jibqa jservi fil-Kunsill bħala kunsillier indipendenti sal-elezzjoni li jmiss. | Caruana |

**01. 5.** **Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 5 | 1 | | Caruana: Vjal 25 ta' Novembru | Caruana qal li hemm arblu jrid jinbidel. | Caruana |
| 13 | 5 | 2 | | Caruana: Parkeġġ fi Triq il-Kbira | Caruana qal li l-parkeġġ f'din it-triq irid jiġi rranġat. | Caruana |
| 13 | 5 | 3 | | Hales: *Blower* għal ġonna | Hales qal li bħalissa qed jinġabru kwotazzjonijiet biex naraw kemm jiswina jekk jinxtara. | Hales |
| 13 | 5 | 4 | | Caruana: Twaħħil ta' posters | Caruana ssuġerixxa li l-posters tal-attivitajiet fin-*notice boards* għandhom jibdew jitwaħħlu nhar ta' Erbgħa, il-Kunsill qabel nem.con ma' dan. | Caruana |

**01. 6.** ***Fondi - Miżura 4.4;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 6 | 1 | | Sindku | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser ikunu qed jiġu fondi mill-Gal Xlokk tal-Miżura Green Infrastructure li jammontaw €57,000 għal dan il-proġett fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fejn ser isir id-dawl ġdid, Gazebo u jitħawwlu siġar mad-dawra. L-ispejjez tal-proġett ser jammontaw għall-madwar €100,000. | Sindku |
| **01.** | **7.** | | | **Xgħolijiet;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 7 | 1 | | Sindku: Proġett taz-Zuntier | Is-Sindku qalet li kien hemm xi intoppi dwar id-dawl u ser jingħata supply. Hemm xi xogħol li jrid isir fuq il-ħajt tas-sala tal-paroċċa u ser tintgħalab l-għajnuna mill-Ministeru għal dan. | Sindku |
| 01. | 7 | 2 | | Sindku: Triq il-Gwiedi | Is-Sindku qalet li l-permessi huma lesti u x-xogħol dalwaqt jibda. Ser isir pavimentar bil-Porfido. Ser issir konsultazzjoni mar-residenti dwar jekk din għandiex tiġi żona pedonali. | Sindku |
| 01. | 7 | 3 | | Sindku: Toroq bl-asfaltar | Is-Sindku qalet li beda x-xogħol fuq bankini u asfaltar ta' żewġ toroq li huma Toni Zahra u Taltas. Fil-parti rurali ser isiru l-isqaqin Strejnu Nru3 u tal-Usif Nru 2. | Sindku |
| 01. | 7 | 4 | | Sindku: Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta bdiet bix-xogħol tat-tieni fażi fejn ser issir korsija għal mixi u oħra għar-roti minbarra tisbiħ ieħor. | Sindku |
| 01. | 7 | 5 | | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li ser isir il-*patching* temporanju sakemm jitkompla x-xogħol minn naħa ta' WSC. | Sindku |
| 01. | 7 | 6 | | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li rċivejna l-konferma li ser jingħataw il-fondi li jammontaw għal €640k biex issir din it-triq. Irringrazzjat lis-Sur Fredrick Azzopardi u Infrastructure Malta għal ħidma tagħhom. Ser isiru żewġ trinek waħda fuq kull naħa tat-triq sabiex isir ilqugħ bil-konkos biex iżomm l-għeruq tas-siġar milli jgħollu l-art. | Sindku |
| 01. | 7 | 7 | | Camilleri C: Parkeġġ tas-suq | Camilleri qal li qed ikun hemm periklu fil-parkeġġ u talab li għandha tinstab soluzzjoni u jekk hux possibli li l-ħruġ isir fuq in-naħa ta' wara. | Sindku |
| **01.** | **8.** | | | ***Performance Bonuses tal-Ħaddiema;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| **01.** | **9.** | | | **Estimi 2019** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 09 | 01 | | Segretarju Eżekuttiv: Estimi Finanzjarji | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019 fejn ta spjegazzjoni ta' kif ser jitqassmu l-fondi allokati lill-Kunsill. Qal ukoll li qed jiġi finalizzat il-proċess ta' tindif tal-*Fixed Asset Registry*. Wara li ser jiġu evalwati t-tranzazzjonijiet kollha li hemm f'dan ir-reġistru, ser jiġu identifikati dawk l-assi li jistgħu jitneħħew peress li qatt ma kellhom jiddaħħlu jew li l-valur tagħhom hu nil. Dan il-proċess hu pjanat li jkun mitmum sa nofs Frar. | Segretarju Eżekuttiv |
| **01.** | **10.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 10 | 1 | | Viċi-Sindku: Mawra fil-Belt Tewmija Ċelano | Il-Viċi-Sindku qalet li delegazzjoni mill-Kunsill ser tkun qed iżżur Ċelano bejn it-2 u l-5 ta' Marzu 2019. Il-prezz ser ikun ta' €350 kull persuna li jinkludi lukanda, titjira u trasport. S'issa ibbukjaw 10 persuni għal din il-ġita. | Viċi-Sindku |
| 01. | 10 | 2 | | Viċi-Sindku: Xogħol minn studenta Franċiza | Il-Viċi-Sindku qalet li saret stedina sabiex studenta Franċiża sabiex tiġi tagħmel xogħol amministrattiv u tagħmel 34 siegħa fil-ġimgħa. | Viċi-Sindku |
| 01. | 10 | 3 | | Agius: Exchange ma' Kunsilli oħra | Agius qalet li ser isiru exchange mal-Kunsilli ta' Birżebbuġa u l-Mellieħa fejn ser jiġu mistiedna t-tfal u ssir joint venture. | Agius |
| 01. | 10 | 4 | | Agius: Ħarġa għal-Muża | Agius qalet li fit-13 ta' Frar ser tiġi organizzata ħarġa għal Muża għal prezz ta' €5 sponsorjata mill-parlament u Muża | Agius |
| 01. | 10 | 5 | | Agius: Weekend Break | Agius qalet li l-Weekend Break ser isir bejn it-8 u l-10 ta' Frar fil-Qawra Palace Hotel. | Agius |
| 01. | 10 | 6 | | Camilleri C: Korsijiet | Camilleri C informa l-Kunsill li l-kors tal-EM Citizen huwa miftuħ. | Camilleri C |
| 01. | 10 | 7 | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qall li l-kunċert ssar fil-5 ta' Jannar u nġabru donazzjonijiet għal knisja. Saret ukoll it-tifkira tal-Għoti ta' titlu ta' Belt. | Chircop |
| 01. | 10 | 8 | | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li għal sena oħra dan ser jerġa jsir. Ser ikun maqsum f'erbgħa kategoriji, l-aqwa poeżija, l-aqwa rakkont b'Malti standard, rakkont bi djalett u xogħol letterarju għal persuna sa tmintax -il sena. Ser jingħata trufej Frans Baldacchino il-Budaj għal aħjar poeżija u trufej Lino Psaila għal aħjar rakkont bi djalett. Ser jingħata wkoll voucher ta' €50 lir-rebbieħa u ser jiġu ppublikati fuq ktejjeb. | Chircop |
| 01. | 10 | 9 | | Chircop: Applikazzjonijiet Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-applikazzjonijiet huma miftuħa sal-4 ta' Marzu. Ġieh iż-Żejtun ser jingħata fid-19 ta' Marzu. | Chircop |
| 01. | 10 | 10 | | Chircop: Sett ta' bolol | Chircop qal li r-4 sett tal-bolol ser jinħareġ f'Marzu. | Chircop |
| 01. | 10 | 11 | | Chircop: Tnedija tat-*tours* għat-turisti | Chircop qal li hemm il-ħsieb li ser isir it-tnedija fid-9 ta' Frar ta' dawn l-itinerarji u dawn ser jibdew mill-Kunsill u l-ibbukjar isir dirett mat-*tour leader*. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. 10 | 12 | | Chircop: Card Game | Chircop qal li qed jipproponi li tinħareg card game fuq iż-Żejtun. Qal ukoll li ser isir stħarriġ dwar x'jafu n-nies dwar iż-Żejtun. | Chircop |
| **01. 11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 1 11 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 1 11 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 1 11 | 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €164.46. | Segretarju Eżekuttiv |
| **01 12** | | | **Mozzjonijiet u;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 12 | 1 | | Agius: Pittura tal-Ex-Sindku Joe Attard | Agius resqet mozzjoni sabiex il-pittura tas-Sur Attard teħel fiċ-ċentru tas-sala li issemmiet għalih. Wara diskussjoni saret votazzjoni b'4 voti kontra, 2 voti favur u astenzjoni. | Agius |
| 01 12 | 2 | | Hales: Żejt iż-Żejtun | Dwar din il-mozzjoni sar qbil li l-għaqdiet għandhom jagħtu l-opinjonijiet f'seduta *post mortem.* Għandha tintbgħat ittra lill-għaqdiet sal-aħħar ta' Marzu u għandu jkun preżenti s-Segretarju Eżekuttiv. | Segretarju Eżekuttiv |
| **01 13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv